

# Tagħrif fuq il-Gudja

**Marlene Mangion**



Il-Gudja hu raħal żgħir u antik ħafna. Għalkemm żgħir però, għandu ħafna djar, knejjes u palazzi sbieħ. Nibda biex ngħid li dan ir-raħal hu speċjali. Għandu knisja bi tliet kampnari u jiċċelebra tliet festi. Fil-15 t'Awwissu – il-Festa ta' Santa Marija Mtella' s-sema; fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru - il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju; u fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru – il-Festa tal-Madonna tal-Konsolazzjoni (Taċ-Ċintura).

**Knisja Parrokkjali**:- L-ewwel Knisja Parrokkjali, dik ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ, twaqqfet mill-Isqof De Mello fl-1436. Dan ir-raħal kien mill-ewlenin irħula ta' Malta.

Id-djar qodma li hemm f'dan ir-raħal għadhom iżommu l-istil qadim tagħhom. Il-kwalità ta' bini tal-Knisja ta' Bir Miftuħ ilha li nqatgħet ħafna snin. Għandha s-saqaf ċatt u jistrieħ fuq ħnejjiet ħerġin mill-ħajt. Għall-aħħar tas-seklu XVI, il-bini tagħha ġie mkabbar ftit lejn il-Lvant, iżda meta nbiet il-Parroċċa l-ġdida dan ġie mwaqqa'.

Viċin ħafna tal-Gudja hemm Ħal Farruġ, raħal ċkejken ħafna, li għall-bidu ma kienx fih aktar minn għaxart idjar, li jingħad li jistgħu kienu rziezet. Ma' dan ir-raħal jagħmlu wkoll Ħal Qadi u Ħal Saptan.

Meta l-Gudja saret parroċċa fl-1436, kellha ġurisdizzjoni fuq ħamest irħula oħra. Għalhekk il-Gudja għandha il-Motto "Pluribus Parens" (Omm ħafna wlied). B'hekk din il-parroċċa kienet Matriċi.

Fil-bidu il-popolazzjoni kienet ta' 1,840 ruħ, u mal-Gudja hawn qed ngħoddu lil Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Luqa. Fl-1592 dawn l-irħula, minbarra Ħal Luqa, infirdu mill-Gudja, u għalhekk il-Gudja baqgħet bi 80 dar biss. Bil-mod il-mod il-popolazzjoni bdiet tiżdied. Madwar 75 sena wara n-numru ta' djar tela' għal 87 bil-popolazzjoni ta' 357 ruħ. Ftit ftit hekk bdew jiżdiedu d-djar u n-nies, sakemm fl-1961 kienu joqogħdu 1,811-il ruħ. Illum il-popolazzjoni hi ta' madwar 4,800 ruħ.

Hemm stejjer differenti dwar l-isem tar-raħal, min jgħid ħaġa u min jgħid oħra. F'kollha kemm huma jagħmel sens ir-raġuni tagħhom. Xi wħud qalu li bl-Għarbi l-Gudja tfisser Għolja jew lok importanti. Jista' jkun ukoll li għalihom dan kien ifisser li l-Gudja kienet kbira għax kienet tgawdi l-poter fuq l-irħula oħra. Kittieba antiki kienu jsejħulha "Ir-raħal ta' Bir Miftuħ."

Xi ħadd kien jgħid storja ħelwa. Jingħad li San Pawl għadda minn dan ir-raħal, waqaf u pprietka f'dak il-post eżatt, u qal "Marija Santissima hi bir miftuħ tal-grazzji għal kulħadd".

Fl-1656, b'ħidma tal-Kappillan Dun Ġwann Gatt il-Parroċċa ġiet imtella' fil-pjazza tal-Gudja, fuq disinn ta' Tumas Dingli, u x-xogħol tlesta fl-1666. Fl-1858 bdew ix-xogħol ta' kampnar ġdid minflok il-qadim li wara ġie mwaqqa'. L-arloġġ fl-ewwel taqsima ġie maħdum minn Mikielanġ Sapiano ta' Ħal Luqa u ħallas għalih ir-Rev. Mattew Castagna fl-1858. Il-parti ta' fuq għandha għamla ta' tempju tond. Fuq nett tispiċċa b'xifer u fil-quċċata hemm żewġ anġoletti jżommu salib. Dan hu monument sabiħ u l-ispejjeż tħallsu mill-ġbir tal-poplu tar-raħal. Id-disinn sar b'xejn mis-Sur Guljermu Baker u x-xogħol sar taħt il-ħarsien ta' Mastru Rużar Formosa.

Fil-kampnar il-ġdid li sar tqegħdu 4 qniepen, dawn saru f'Londra mill-imsemmija fabbrika ta' *John Warner & Sons* li ħaseb għalihom Dun Formosa. Il-qanpiena maġġura ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pace Forno f'Settembru 1861, u t-tlieta l-oħra ftit xhur wara. Dawn il-qniepen swew 497 liri. Il-flus tal-prima, terza u kwarta inġabru mill-bejgħ tal-qniepen qodma, u għat-tieni ħallas għaliha s-sur Guljermu Castagna li kien joqgħod fi Spanja, u swietlu 100 lira.

Din il-knisja parrokkjali ġiet ikkonsagrata mill-Kappillan Dun Ġużepp Rafel Camilleri fil-11 ta' Diċembru, 1785 mill-Isqof Labini. Fiha hemm 10 altari. Fiha wkoll hemm meqjum il-ġisem imqaddes ta' San Sinforjanu martri, merfuħ minn żmien l-Ordni fil-knisja konventwali ta' San Ġwann. Tqiegħed hawn fl-1789 wara li kien ġie f'idejn il-Kavallier Fra Ugo Cumbi tal-Veneranda Lingwa tal-Italja, li kien mogħti lilu bil-permess tal-Granmastru De Rohan minn Monsinjur Menville Gran Prijur tal-Ordni. Il-Kavallier Cumbi tah lil ħabib tiegħu, u dan fl-1815 ippreżentah lil din il-knisja matriċi. Huwa jinsab imgeżwer fi ħwejjeġ għonja bi flus il-Markiża Eliżabetta Muscat Cassia Dorell u minn uliedha. Il-ġisem ta' San Sinforiano (li llum jinsab taħt l-altar fil-kor) ittieħed mill-villa tal-Markiża fl-1825 u ħaduh fil-knisja akkumpanjat mill-kleru ta' sitt parroċċi oħra.

F'din il-knisja jinsabu xogħlijiet sbieħ artistiċi. L-istatwa ta' Santa Marija hija xogħol ta' Ċensu Dimech, maħduma fl-1807 u ħallas għalija Dun M. Zammit mill-

Gudja. L-14-il stazzjon tal-Via Sagra huma xogħol Toni Zammit mill-ġbir fl-1858. Il-kwadru titulari sar mill-pittur Gagliardi f'Ruma fl-1880. Sas-sena 1892 il-knisja kienet abbandunata għalkollox, iżda wara, bit-tħabrik tad-devoti, bdiet tinżamm tajjeb. Il-faċċata ġiet mibnija mill-ġdid minn Anglu Dalli fuq pjanta ta' dilettant Gudjan. Il-fontispizju hu mibni minn Mastru Pietru Vassallo minn Ħal Luqa, iżda l-kampnar hu ta' Anġlu Dalli.

**Kappella ta' Santa Katarina**: - Fil-Gudja wkoll insibu xi kappelli. Waħda minnhom hi dik ta' Santa Katarina, kappella żgħira, li tinsab fit-triq prinċipali. Inbniet fl-1661 fuq il-lok ta' oħra qadima ħafna. Fiha altar wieħed u koppla. Mhix kbira wisq imma rrestawrata tajjeb. F'din il-kappella illum qed jiġu merfugħin il-pavaljuni u xi tiżjin ieħor tal-festa.

**Santa Marija ta' Bir Miftuħ**:- Fuq diġà tkellimna fuq din il-knisja matriċi. Imma hemm wisq xi tgħid fuq din il-knisja żgħira. Fiż-żmien din il-knisja kellha 7 altari, iżda meta ċekknuha ma kienx baqa ħlief wieħed fiha. Il-kwadru ewlieni, pinġut fuq l-injam hu ta' preġju kbir. Minn din il-Knisja kien insteraq il-Pissidi. Din hi l-istorja ta' dan: Matul il-lejl tal-24 ta' Jannar, 1663, ġiet miftuħa l-Knisja u minnha insteraq il-Pissidi bl-Ostji konsagrati. L-Isqof Balaguer u l-Gran Mastru Cottoner malajr ġabru l-Kunsill tal-Parroċċi u t-teoloġi kollha. Ħarġet l-iskomunika għal dan is-sagrileġġ kbir. Fi Frar instab dan il-Pissidi, iżda mingħajr ostji, fil-knisja ta' San Ġakbu tal-Belt. Żmien wara ġara sagrileġġ ieħor bħal dan fil-Knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla.

Fil-ġenb ta' din il-Knisja kien hemm żewġ knejjes oħra fl-antik, waħda ddedikata lin-Nativitá, u l-oħra lil Santa Marija.

Din il-Knisja ġarrbet ħsarat kbar fit-Tieni Gwerra dinjija f'April, 1942. Nofs is-saqaf kien waqa' imma ġie msewwi tajjeb ħafna. Waqt li l-ħaddiema kienu qegħdin isewwu din il-ħsara, inkixfu traċċi tal-pittura oriġinali. Bl-għaqal kollu komplew jikxfu din il-pittura. Dan ġara fi żmien il-Kappillan Dun Anton Rapa.

Is-Sur Gafà jieħu ħsieb din il-knisja. Fiha jsiru, minn żmien għal żmien, kunċerti sbieħ li għalihom jattendu bosta nies. Isiru wkoll xi wirjiet interessanti. Fil-Ġimgħa l-Kbira hija drawwa li ssir wirja tassew sabiħa bi statwi b'daqs ta' nies normali, u l-mod kif ikunu poġġuti dawn ikunu qed ifehmu l-passjoni ta' Ġesù.

**Il-Lunzjata**:- Din hi knisja oħra li tgawdi l-Gudja. Kif inhi llum hija t-tielet darba li nbniet. L-ewwel żewġ knejjes li nbnew, li ġabu dan l-isem, kienu f'postijiet differenti ħafna minn fejn hemm il-Lunzjata illum. Din li għadha wieqfa illum, li għandha altar wieħed, ittellgħet mis-saċerdot Ġwanni Barbara fl-1754. Ħallsu parti mill-ispejjeż bosta nies devoti, izda l-ikbar ammont ta' flus għax-xogħol li sar, ħarġu dan il-qassis li għażel, kif jgħidu, li jbiegħ il-ħwejjeġ meħtieġa tad-dar, basta jixtri din il-knisja għażiża tiegħu.

Jieħu ħsieb din il-Knisja Martin Gravina. Il-festa tal-Lunzjata, li ssir f'April, ikollha ġimgħa quddies bi preparament għall-festa. Il-festa tkun il-Ħadd bil-



*Il-Kappella tal-Lunzjata*

quddies filgħodu u l-Barka Sagramentali filgħaxija bil-kant akkumpanjat mill-Orkestra li tkun taħt idejn Jean Paul Gravina.

**Il-Madonna ta' Loretu**:- Dan hu santwarju devot u għażiż ħafna. Fuq kwadru qadim tidher kitba li turi d-data tal-1548 kif ukoll isem il-Prijur t'Alvernia, Fra Imberto de Morines, benefattur ta' din il-knisja. Dan il-kwadru hu mpinġi fuq l-injam, u fuqu għadu jidher l-imsemmi Prijur. Kitba oħra li qiegħdha f'arkata tmiss mal-knisja, jidher isem Luqa Vella, Prokuratur tagħha bid-data tal-bini tat-2 ta' Lulju, 1550.

Jingħad li Fra Imberto, kien benefattur kbir u għammar din il-knisja bil-ħwejjeġ meħtieġa. Jingħad ukoll kemm kienet kbira d-devozzjoni f'din il-knisja f'kull nhar ta' Sibt. Fra Imberto kien ukoll xtara dar viċin il-knisja.

Din il-knisja għandha storja interessanti wkoll. Wara l-pesta tal-1676, bħala ħlas tal-grazzja, reġgħu bnewha mill-ġdid. Ħabrek ħafna l-Kappillan Dun Ċens Grixti. Fl-1820, bl-għajnuna ta' Dun Ġwann Bonnici mill-Gudja, il-knisja ġiet restawrata u mgħammra bl-oġġetti meħtieġa, u mżejjna b'bosta indulġenzi mogħtija mill-Papa Girgor XVI fl-20 ta' Frar, 1837. Dun Salv Formosa, mill-Gudja, Prokuratur tagħha, ħaseb biex jiksi bl-irħam quddiem il-bieb ewlieni, u bi żriegħ ta' siġar taż-żebbuġ dawwar il-knisja. Din il-knisja għandha koppla u żewġ altari.

Fl-aħħar gwerra dinjija, dan is-santwarju ġie milqut min bomba li għamlitlu xi ħsara, u ġie magħluq biex jissewwa. Fit-8 ta' Diċembru, 1943, din il-knisja reġgħet ġiet imbierka solennement mill-Kappillan Dun Anton Rapa b'delegazzjoni tal-Arċisqof Gonzi li kien Isqof koadjutur tal-Arċisqof Caruana.

Illum din il-knisja hi popolari ħafna għal tiġijiet jew xi laqgħet ta' reliġjużi. Ħadd fuq l-10 ta' Diċembru, tiġi ċċelebrata festa ċkejkna b'ġimgħa quddies għall-okkażjoni u quddiesa kantata bl-orkestra u l-kor fil-jum

tal-festa. Ikun hemm ukoll nar tal-ajru. Din il-knisja jieħu ħsiebha s-sena kollha Ġużi Caruana u b'hekk, iktar ma' jgħaddi ż-żmien, aktar qegħdin jattendu nies għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Jiġu nies ukoll minn bliet u rħula oħra.

**Kunvent u skola tas-Sorijiet tal-Karità**:- Fl-1955, Dun Ġilard Frendo talab lill-Madre Provinċjala Sr.Annunziata Robiani tas-Sorijiet tal-Karità biex tiftaħ skola fil-Gudja. Wara li ntalab il-permess minn Ruma mingħand il-Madre Ġenerali Sr. Giovanna Francesca Valtolini, fid-29 ta' Settembru, 1955, bdew l-iskola fid-dar tal-Azzjoni Kattolika. Peress li din id-dar ma kinetx addattata għal skola, beda t-tiftix bl-għajnuna ta' Dun Lorenzo Cachia, Kappillan tal-Gudja fl-1962. Il-komunità kisbet żewġ għelieqi biex tibni skola u dar għas-sorijiet. L-ewwel ġebla tqegħdet f'Mejju, 1963, fuq pjanta tal-Perit Edwin England Sant Fournier. Mal-kunvent inbniet ukoll skola.

Fit-28 ta' Diċembru x-xogħol kien lest, u l-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor Dr. A. Paris, fetaħhom uffiċjalment u ssemmew għal Santa Ġovanna Antida. It-tberik tagħhom sar mill-Arċisqof Gonzi. Dawn iż-żewġ binjiet telgħu bit-tħabrik tas-Sorijiet tal-Karità flimkien ma' dik ta' xi benefatturi oħra.

**Il-Palazz Dorell:-** Fost tant bini qadim li jeżisti fil-Gudja, insibu l-magħruf Palazz Dorell. Dan il-Palazz jinsab fil-bidu kif tidħol fil-Gudja. Fil-gwerra ġarrab xi ħsarat minħabba li kien okkupat mill-Militar. Fih hemm pittura interessanti a fresco u l-qiegħda tal-ħaġra għandha fuqha xi disinji tassew interessanti. Id-disinji ġew il-biċċa l-kbira mħassra jew mitfija. Il-ġnien Barokk ukoll ġarrab xi ħsara.

Fl-1799, sena u tliet xhur wara l-bidu tal-Assedju tal-Maltin fuq il-Franċiżi, truppi ingliżi tqassmu f'distretti differenti. Il-Ġeneral Graham, il-Kmandant ta' dawn il-forzi, għażel bħala Kwartier Ġenerali lil Palazz Dorell.

Ġo din il-villa, li kienet bniet il-Barunissa Bettina Muscati Parisio, il-pittur Ġużeppi Hyzler pinġa l-kwadru tal-Madonna b'San Lawrenz, Sant'Anna u San Pietru. Ġuzepp Calleja għamel kwadru ieħor fil-kappella ta' din il-villa.

Fil-ġonna ta' din il-villa jinsab it-Torri tax-Xulliel. Kienet bnietu l-Barunissa għall-ħabta tas-sena 1780. Mons. Mifsud isemmi li l-Av. G.B. Micallef, fl-1657 ġa kellu tagħrif dwaru.

**Ċimiterju**:- Qabel ma nbena ċ-ċimiterju tal-Addolorata, id-dfin kien isir fl-irħula, f'ċimiterju li aktarx kien ikun ħdejn il-knisja, u f'bosta drabi kien imiss magħha. Ġol-Gudja nsibu wkoll wieħed minn dawn iċ-ċimiterji magħruf bħala Tat-Torba. Fl-1953 saru xi kontribuzzjonijiet min-naħa tal-Gvern għat-tiġdid ta' dan iċ-ċimiterju.

**Il-Katakombi ta' Ħal Resqun**

Fl-1912, ftit iktar minn 100 sena ilu, l-arkeoloġista Sir Themistocles Zammit, waqt it-tħaffir li kien qed jagħmel, skopra l-Katakombi Paleokristjani f'Ħal Resqun, viċin l-Ajruport. Hu naddafhom kemm seta' u ssorvelja sewwa waħda minnhom. Sab li b'xorti ħażina kienu saru xi ħsarat meta sar it-tħaffir biex jitpoġġew il-kanen tal-ilma. Fil-kitbiet tiegħu qal li sab frak ta' ħġieġ, fuħħar eċċ. tal-aħħar snin taż-żmien Ruman. Din l-iskoperta kienet irrekordjata fir-rapport tal-Mużew. Fil-viċin instabu wkoll fdalijiet megalitiċi. Biex jippreservawhom, dawn il-katakombi ġew imsakkrin biex ma ssirilhomx ħsara.

F'Jannar tal-1934, Sir Temi Zammit ġie informat li l-katakombi kienu reġgħu ġew miftuħa u mtlew bl-imbarazz. Reġa' naddafhom mill-ġdid, din id-darba bl-għajnuna tat-tifel tiegħu Charles George, u ippubblikaw ir-rapport fil-Bulettin tal-Mużew.

L-Arkeoloġisti kienu ilhom jafu b'dawn il-Katakombi għal madwar mitt sena. Minħabba x-xogħol tar-runway il-ġdida u kostruzzjoni fl-Ajruport fis-snin 70, l-għelieqi tal-madwar ittieħdu u b'hekk dawn il-Katakombi ndifnu f'nofs ir-*roundabout* viċin il-mina ta' Ħal Kirkop, u ntesew.

Għalkemm ħafna kienu jafu li kienu jeżistu l-katakombi, il-post preċiż fejn kienu qegħdin, kien għadu mhux magħruf. Kienu ppruvaw isibuhom ħafna drabi fil-passat, u kellhom il-biża li dawn kienu tkissru. Kien ta' pjaċir kbir għall-Grupp tal-Kultura tal-Heritage meta reġa' nkixef dan il-lok u seta' jiġi kkonfermat li l-oqbra mikxufa kienu l-istess li kien pinġa Sir Temi Zammit.

Il-Kap tad-Dipartiment tal-Arkeoloġija tal-Università, Prof. Anthony Bonanno, qal li din l-iskoperta kienet importanti għall-istorja u l-arkeologija ta' Malta, għax din is-sejba kien iddeskriviha tajjeb ħafna bi tpinġijiet u xbihat Sir Temi Zammit. Qal ukoll li reġgħet instabet bis-saħħa tax-xogħol ta' F.X. Mallia, id-Direttur tal-Mużewijiet ta' Malta.

Dawn l-oqbra f'Ħal Resqun huma ta' sinjifikanza xjentifika għall-arkeologija ta' Malta. Minn studju li sar ħareġ li kellhom finezza fid-dekorazzjonijiet li tikkonsisti f'*motifs* ta' arkitettura Romana, l-iktar għad-disinji li nstabu fil-ħitan, bħal kolonni mħaffra fil-ġebla tal-tomba. Sabu wkoll *reliefs* baxxi li kienu juru forom ta' nies u annimali, li kienu jagħtu stampa tar-reliġjon li l-ewwel Kristjani f'Malta kienu jħaddnu, u r-rispett li kellhom lejn il-mewt u x'jiġri wara.

Fl-2006 instabu mill-ġdid dawn il-katakombi bis-saħħa ta' miżuri li ttieħdu mill-Awtorità tat-Trasport ta' Malta, fuq rakkommandazzjoni tas-Supretendenza tal-Kultura Heritage. Meta din it-triq inqalgħet biex tingħata wiċċ ġdid, reġgħu inkixfu l-katakombi ta' Ħal Resqun. Ix-xogħlijiet li saru fit-toroq tal-Gudja, fil-fatt, kienu parti mill-proġett li ħadet ħsiebu l-ADT.

Minħabba l-importanza li għandu Ħal Resqun għall-arkeoloġija Paleokristjana, huwa ttamat, li ladarba reġgħu instabu wara 50 sena moħbijin, dawn il-katakombi issa għandhom jibqgħu ippreżervati sewwa. Is-Superintendenza tal-Kultura Heritage se tibqa' taħdem biex tassigura ruħha li dan il-lok jibqa' ippreservat għall-benefiċċju tal-pubbliku skont kif jidher fil-*Cultural Heritage Act*.